Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 80 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Johann J. Fenech

Vs

Daniel Mizzi

Illum 17 ta' Gunju, 2019 .

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Daniel Mizzi, detenur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 145890 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn il-31 t' Awwissu, 2016 ghal habta ta' 18.00hrs gewwa Hal Ghaxaq;

1. Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 639, PC 417 u PC 1158 inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

2. Attaka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-istess PC 639, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghall ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi.

3. B' xi mod iehor mhux imsemmi band' ohra f' dan il-Kodici, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

4. Qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti.

5. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b' xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b' ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi.

6. Akkuzat ukoll li fit-triq jew f' post pubbliku iehor meta kellu fil-kontroll tieghu xi kelba, naqas li jgor mieghu borza tal-klieb, liema borza ghandha tintuza sabiex jingabar il-hmieg tal-kelba.

7. Bhala persuna li kellu xi kelba taht il-kontroll tieghu, halla lil dak il-kelba jiggerra f' xi triq jew post pubbliku iehor, minghajr ma kellu kontroll tieghu jew minghajr ma zammu b' cinga.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar tat-28 ta' Frar, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 95, 96, 338 (dd), 338 (bb),342, u 338 (ee) tal-Kodici Kriminali, l-Artikolu 5(1) u 3(1) tal-Ligi Sussidjarja 312.01 l-Qorti sabet lill-imputat Daniel Mizzi hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames (5) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu tnax (12) -il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghall-perijodu ta' sentejn (2) mill-lum u multa ta' erbat elef Ewro (€4,000). Il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu minnha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Daniel Mizzi, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Marzu, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha (1) tbiddel is-sentenza appellata, billi tirrevoka u tħassar l-istess sentenza u ssib lill-appellanti mhux ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu, (2) u fin-nuqqas, u bla preġudizzju għall-ewwel talba fil-każ li jinstab ħati, tibdel il-piena għal waħda moderata u mhux karċerarja.

Rat illi l-aggravi huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

<u>L-ewwel Aggravju</u>

1) Illi l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati naqset milli tikkonsidra sewwa l-provi miġbura fl-atti, tant li l-esponenti ma jaqbel xejn dwar l-interpretazzjoni li l-Qorti tat tal-fatti kif fil-fatt ġraw. Jidher li l-Qorti tal-Maġistrati kull ma għamlet huwa li tat krettu biss għal dak li qalu l-uffiċjali tal-Pulizija u mxiet mal-ewwel mingħajr ebda konsiderazzjoni oħra biex tiġġudika lill-akkużat u tapplika l-piena li deherilha xierqa għall-akkużi li tagħhom awtomatikament sabitu ħati.

   Illi jissottomettu l-appellant li l-Onorabbli Qorti, messa qabel xejn eżaminat ir-rapport mediku u ikkonsidrat sewwa l-feriti rapportati setgħux jkunu ta' sostenn tal-verżjoni tal-fatti tal-akkużat jew tal-Pulizija. Dik tal-Pulizija kienet li l-akkużat tfixkel fil-bankina waqt li ħares lura. Id-domanda hi, min hu dak li qed jaħrab u joqgħod iħares lura? F'dak il-mument l-akkużat kien beżgħa li ser jittieħed il-ħabs kif qalulu l-Pulizija u kull ma kellu f'moħħu kien li jaħrab minn dik is-sitwazzjoni. Ma kellux għalfejn iħares lura. Triq waħda ħaseb li kellu dak il-ħin, li jiġri l-quddiem. Qalu t-tlett uffiċjali tal-Pulizija li tfixkel fil-bankina. Din verżjoni faċli mil-uffiċjali tal-Pulizija li xejn ma taqbel mal-feriti riżultanti. Meta persuna taqa' għax titfixkel f'ħofra, jew f'oġġett, anki bankina, waqt li jkun miexi jew jiġri, jaqa 'l quddiem u joħodha għal wiċċu, fil-fatt il-feriti ġeneralment ikunu fil-wiċċ jew fil-pali tal-idejn li jipprova jilqa' bihom.

   Illi l-feriti li sofra l-akkużat fl-allegata waqa' fil-bankina, huma ferm differenti. L-aktar waħda suspettuża hija dik fil-pexxun tal-lemin. Il-pexxun jinsab <u>wara</u> l-irkoppa, allura huwa ferm improbabbli, biex ma ngħidx impossibbli, li f'waqa l-

quddiem, meta tkun qed tiġri, ssofri ferita fil-pexxun. Minn naħa l-oħra din hija ferita verosimili għall-aħħar, f'każ li taqla daqqa ta' sieq, kif iddikjara l-akkużat meta kien mal-art wara l-gambetta. Hekk ukoll huma l-feriti fl-ispalla li ġew ċertifikati mit-Tabib Aquilina. L-akkużat spiċċa bi tlett barxiet fuq l-ispalla tal-lemin u żewġ tbenġiliet. Dawn huma improbabbli f'waqa mal-art, għalkemm mhux impossibbli, imma jaqblu ħafna ma daqqiet bis-sieq libsin żraben tas-servizz.

Illi jidher mis-sentenza tal-Maġistrati li dawn il-konsiderazzjonijiet ma għamlithomx u ma ħadithomx in konsiderazzjoni fl-eżami li kellha tagħmel fil-valutazzjoni tal-kredibilita tal-akkużat jew tal-uffiċjali tal-Pulizija. Dan huwa nuqqas gravi li wassal biex l-akkużat ma twemmen f'xejn u bata l-konsegwenzi kollha tal-akkużi li għoġobha iġib kontra tiegħu il-prosekuzzjoni.

<u>It-Tieni Aggravju</u>

2) Illi xejn inqas ma naqset l-ewwel Onorabbli Qorti meta ġiet biex tapplika l-liġi għall-fatti lilha ppreżentati. L-akkużat kellu jiddefendi ruħu minn seba' akkużi, apparti oħrajn fi proċeduri oħra separati. Tal-ewwel kienet li <u>nġurja hedded u għamel offiża</u> fuq l-uffiċjali li qabduh. It-tieni kienet li attakka, għamel reżistenza bi vjolenza jew ħebb.

Illi l-esponenti bir-rispett jissottometti li l-aġir tal-akkużat bl-ebda mod ma rriżulta li huwa uża xi vjolenza. L-akkużat ippanikja u pprova jaħrab. Skond l-uffiċjali tal-Pulizija nfushom l-akkużat ikkontesta l-fatt li kien hemm xi multa mhux imħallsa u wara li nqabad ma rritaljax u ma "bediex jagħti bil-ponn". L-akkużat ma rnexxilux jaħrab, tawħx gambetta jew tfixkel fil-bankina, huwa ġie maqbud mal-ewwel u meta kien ma l-art jgħid li ssawwat. Minn dak il-ħin 'l quddiem huwa kien maqbud u l-uffiċjali tal-Pulizija eżegwew s-servizz tagħhom, kif ordnati, u wettqu l-inkarigu lilhom mogħti li jarrestaw lill-akkużat biex joħduh il-ħabs. Mhux talli m'użax vjolenza l-akkużat imma ma setgħax u ma kien qatt f'qada li jirreżisti b'xi mod għall-arrest. Fil-fatt meta tqis l-eżitu ta'

dawn l-eventi l-finali tagħhom kienet li l-akkużat daħal il-ħabs u nħeles biss wara li l-ġenituri tiegħu ħallsu l-multa li rriżulta li kienet għada dovuta.

Illi jallegaw l-uffiċjali tal-Pulizija li inġurjhom u heddidhom. Dwar tal-ewwel jingħad bir-rispett li din ma rriżultatx. Barra minn hekk kif jista' jkun li waqt li allegatament l-akkużat kien qed jheddidhom u jinġurjhom, jiftakru wkoll li tkellmu dwar l-kellba li kellu miegħu, li ħarbet minn fuq il-post għax beżgħat minn dak li ġara tant li ma sabuwiex. Jingħad bir-rispett għalhekk li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova li l-akkużat wettaq b'xi mod attiv dawk l-atti li jikkostitwixxu r-rejati fl-artikli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali u kif spjegati mil-istess Qorti.

Illi l-akkużi numri tlieta, ir-raba' u l-ħames, huma kontravenzjonali li jingħad bir-rispett ma rriżultawx. F'din l-istorja kif jista' wieħed jasserixxi li kien hemm ksur tal-paċi pubblika? Ġara kollox fi ftit minuti. Hekk jirriżulta mix-xhieda tal-istess pulizija. L-akkużat qabduh fit-triq u pprova jaħrab. Ma rnexxilux u qabduh mal-ewwel għax waqa mal-art, laħquh u daħħluh fil-karozza tal-pulizija. Mela l-ewwel net l-akkużat ma kellu l-ebda pjan biex jirrejaġixxi b'dak il-mod. F'kemm ili ngħid sab ruħu mal-art u maqbud u mitfuh fil-karozza. Jingħad għalhekk li ma kien hemm l-ebda ksur tal-paċi pubblika f'din l-operazzjoni ta' ftit minuti fejn l-akkużat ma wettaq l-ebda rejat u lanqas ma kellu ċans jaħseb kif ser jirrijaġixxi. Fil-fatt dak li ġara ma ġibed l-interess ta' ħadd għax kif qalu l-uffiċjali tal-pulizija ma ħareġ ħadd fit-triq, għax ħadd ma sema xejn li tħajru joħroġ jara x'ġara.

Illi l-aħħar akkuża hija fir-rigward tal-kelba li ħarbet mil-post mbeżża' b'dak li ġara. Din allegatament kienet bla ċinga. Ħaġa li l-akkużat jiċħad. Il-fatt żgur hu li din ħarbet għax ikkonfermat ukoll mil-uffiċjali tal-Pulizija. Ma jaqblux dwar iċ-ċinga. Hawn allura hawn konflitt ta' provi. L-akkużat jindika l-fatt li l-kelba kienet tar-razza u qamitlu ħafna flus. Għalhekk huwa jsostni li żammha biċ-

ċinga, li ovvjament telaq meta ngħata l-gambetta jew waqa' mal-art fil-qbid mil-pulizija, biex ikun jista' jilqa' b'idejh.

<u>It-Tielet Aggravju</u>

3) Illi l-aggravju l-ieħor huwa dwar il-piena nflitta mil-Onorabbli Qorti fuq l-akkużat li sabet ħati ta' sitt akkużi. L-akkużat instab ħati ta' tlett kontravenzjonijiet li kollha huma relatati mal-istess inċident u ksur tar-regolament 5(1) u 3(1) fil-liġi sussidjarja dwar iż-żamma tal-klieb fil-pubbliku.

Illi l-akkużi l-aktar gravi huma dawk fl-artiklku 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali. Apparti dak li jingħad qabel, l-esponenti jidhirlu anki li kieku l-elementi kollha rikjesti mil-liġi jeżistu biex tistabilixxi ħtija meħud kont taċ-ċirkustanzi tal-każ, ma jimmeritax l-akkużat il-piena nflitta lilu. Dan qed jingħad peress li ma jirriżultax, jissottometti l-esponenti bir-rispett, dik il-gravita fl-azzjonijiet tal-akkużat li timmerita piena karċerarja u multa daqshekk qawwija. L-akkużat fl-ebda ħin ma kellu ċans jaħseb f'reazzjoni u jagħmel xi ħsieb biex ifforma mens rea. Il-biżgħa tal-akkużat ma tistgħax titqies bħala malizja, hija istint naturali fiċ-ċirkustanzi li kien.

Semghet lill-avuakti tal-partijeit jittrattaw il-kaz u dan fis-eduta tas-17 ta' Gunju 2019.

Ikkunsidrat.

Illi nhar il-15 ta' Novembru, 2017 xehed l–**ispettur Justin Camilleri** fejn spjega li nhar is-6 ta' Settembru, 2016 kien avvicinah certu Daniel Mizzi gewwa l-ufficcju tal-affarijiet interni gewwa l-ufficcju tal-kwartieri Generali tal-Pulizija fejn dan xtaq jaghmel ilment maghhom illi fid-data tal-31 ta' Awwissu, 2016 kien gie imsawwat mill-pulizija. Dakinhar stess ittiehdet stqarrija ta' Daniel Mizzi mill-Maggur 1218 Raymond Vella fejn iddeskriva dak li allegatament kien gara u ma garax u bazikament kien qal li waqt li kien mixi kien gie avvicinat minn karozza tal-pulizija li kien fiha tlett membri tal-korp tal-pulizija u talbuh biex jitla' maghhom ghax kellu xi *respite warrant* li kien ghadu ma

hallasx u s-sur Mizzi beza'. Huwa pprova jahrab minn fuq il-post u allega li l-pulizija qabduh u kienu sawtuh tawk xi daqqiet ta' sieq u qalbuh ma l-art. Kienet giet mitkelma ukoll omm Daniel Mizzi li ma kienitx prezenti ghall-incident.

Ix-xhud spejga ukoll li Daniel kien irraporta da nil-kaz gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid fejn kien kellem PC 40 ma jidhrix li dan ir-rapport gie registrat u ghalhekk mexxew bi proceduri amminsitrttivi fil-konfront ta' dan l-istess surgent talli naqas idahhal dan ir-rapport. Jghid li l-ufficju tieghu kien kellem ukoll lit-tlett pulizija involuti fl-arrest tas-sur Daniel Mizzi u dan nhar il-31 ta' Awwissu u dawn it-tlielta li huma cahdu b'mod kategoriku li kienu sawtu lil Daniel Mizzi

It-tlett ufficcjali qalu li filwaqt illi talbu u ordnaw li l-appellant jitla' maghhom fil-karozza ghax kellu xi multi pendenti li ma kienx hallas u dan irrifjuta u telaq jigri 'l hemm. Huma telqu jigru warajh u waqa' fuq in-naha tal-lemin tieghu fuq bankina.

Il-puliizja hadu lil Daniel Mizzi gewwa il-polyclinic ta' Rahal Gdid fejn gie certfikat li kien qed isofri minn griehi hfief li jikkonsisti f'zewg barxiet ta' madwar 8cm fil-pexxun, 3 barxiet ta' madwar 6cm 'l wahda fuq l-ispella tal-lemin u zewg tbengiliet fuq l-ispalla tal-lemin ukoll.

Naturalment, il-pulizija arrestaw lil dan Daniel Mizzi u ittihdet fil-Facilita ta' Kordin peress li l-multa kienet gja giet konvertita pero l-multa thalset mill-genituri tieghu u ghalhekk gie rilaxxjat aktar tard dakinhar stess. Huwa pprezzenta d-dikjarazzjoni li ittihdet fis-6 ta' Settembru,2016 minghand Daniel Mizzi mill Maggur Raymond Vella. Ix-xhud pprezenta ukoll id-dikjarazzjoni li ittihdet minn omm Daniel Mizzi li giet markata bhala dok JC 2 .

Esebixxa certifikat mediku datat 31 ta' Awwissu 2016 mehud minn Dr Mark Aquilina li gie market bhala dok JC3, okkkoreenza relatat mal-incident fejn gie arrestat Daniel Mizzi li giet markata bhala dok JC4. Ipprezenta id-dikjarazjoni tar rifjut li gie market bhala dok JC5. Esebixxa ukoll stqarrija ta' PC 417 louis Degabriele (Dok JC 6), PC 1158 Christopher Saliba ( dok JC 7) u ta' PC 639 Jean Mar Mangion ( Dok JC 10) li ukoll ser jigu skartati stante li din mhiex l-ahjar prova fi procedure penali.

Jghid li mill-investigazzjoni li zammew dwar l-ilment ta' Mizzi ma irrizutalhomx li l-pulizija kienu sawtu lil Mizzi kif allega u rapport l-istess Mizzi .

**PS 69 Jean Mangion** xehed fil-15 ta' Novembru 2017 u spjega illi fis-27 ta' Awwissu 2016 kellu file rigward multa mhux imhalsa pendenti respite warrant li giet konvertita fi prigunerija u dan fil-konfront ta' Daniel Mizzi. Huwa mar fir-residenza matrimonjali imsejha 'Bliss', Triq Melchiore Gafa Zejtun fejn l-mara tieghu Jessica Mizzi qaltilhom li dak ma kienx ghadu jirrisjedi hemm u tathom l-indirizz tal-genituri tieghu u cioe 'Bondina', Triq il-Qattus Ghaxaq. Ghalhekk telaq flimkien ma PC 1158 biex imorru hemm. Hemmhekk sabu lil omm Daniel certu Mary Mizzi. Din qaltilhomli mhux soltu li jkollu multi pendent, fil-fatt ighid li dehret organizzata. Kellha diversi multi fejn kienu gew 'settled' pero l-multa inkwistjoni makienitx wahda minnhom.

Dak il-hin huw aghamel il-verifikiteighu mal-Qorti biex jara li kollox kienx korrett u tkellem ma Audirenne Buttigieg fejn din kkonfermatlu l-mult akient ghadha pendent.

XI jumejn wara fil-31 ta' Awwissu ghal habta tas-6.00 p.m rega baghat lill-pulzija u cioe PC 417 u PC 1158 pero' hu ma marx maghhom. Feb dawn infurmaw lil Mary Mizzi li l-multa ma kentix thalset u li kient ghadha pendenti. Hemmhekk jghid li kienhemm zewgha li beda ighajjat u jghid li l-Magistrat hu mignun li jerga johrog l-istess multa u qalilhm biex ma jersqux iktar 'l hemm.

Saru jafu li l-appellant kellu residenza ohra bl-isem 'Venezuela', Triq Dawret Hal Ghaxaq, Ghaxaq fejn marru hemmhek u ma sabu lil hadd. Baqghu sejrin ghal goc-centru ta' Hal Ghaxaq fejn ftit metri 'l boghod mill-ghasa tal Hal Ghaxaq iltaqghu ma Daniel Mizzi miexi fid-direzzjoni tal –Pjazza.HUma kienu bil-kaorzza izda lahquh. Huwa kien passigier fil-vettur u qallu *'Daniel ha nkelmek'*. Dan beda izarzar u ma ridx jitkellem mieghu. Qal idak l-hin kellu kelb mieghu li ma kienx marbut bic-cinga. Huwa beda miexi b'lura u ghalhek fetah il-bieba tal-karozza biex ikelmu u qallu '*ejja ha nkelmek'* u dan wiegbu ' *m'ghandix xi nkelmek, diga kelmitek ommi u misieri* ' u telaq jigri lura.

Dak il-hin tfixkel f'kurduna tal-bankina li kient naqra' 'l barra uletteralment instabat ma l-art. Huma baqghux mixjinbil-pass lejh ghaleix dak il-hin kienghadu ma l—art. Ghenu bie xiqum u hadu lejn il-karozza u infurmah li kien ser jiehdu gewwa il Facilita korrettiva ta' Kordin minhabba din il-multa li kellhom. Da baqa' jinsulenthom u jzejjen.

Beda jirrimarka li haarbulu l-kelba. Huwa dahhal lil Mizzi fil-karozza u mar ifittex il-kelba pero din ma dehret imkien. Jghid li meta irritorna Mizzi beda jilmenta li sawtuh x'hin kien ghadu ma l-art. Meta ra li Mizzi kien qe djilmenta bl-ugiegh u dan kellu xi swidija hass li kellu jakkompanjah il polyclinic, infurmaw lill-ispettur dwar dak li kien sehh u baqghu sejrin bih il-habs .

Jispjega illi bhala proedura dahlu fl MI room beix jesaminawh pero ma accettawhx gha xkien libes flok bic-cingi u ma kellu xhwejjeg mieghuu riduhom imorru lura id-dar biex jigbru l-hwejjeg. Irrangaw li l-appellant kellujibqa il-habs flimkien ma pulizija waqt li huwa jmur lura. Huwa mar fid-dar ta' ommu u missier u qalulhom x'kien gara u dawn marru mieghu il-habs, halsu l-multa u ghalhekk Mizzi ma qaghadx il-habs. Jikkonferma li dan kollu sehh fil-31 ta' Mejju 2016.

Mistoqsi in kontro esami jekk kienx hemm niex fit-triq dak il-hin tal-incident jghid li ma kienx hemm. Jghid li huw akien ma PC 417 u PC 1158. Mistoqsi kif gab ruhu maghhom l-appellant jghid li Mizzi beda jinsinwa li kellu but mimli liri u lest li jaghmel minn kollox biex isallabhom. Fil-fatt hekk ipprova jghamel ghax irraporthom kemm il-Ministeru kif ukoll lil Police Board. Tant li spiccaw investigati mill-Police Board fuq rapport li kienu refghu idejhom fuqu meta ma kien xejn minn dan. Mistoqsi kif gab ruhu meta mar ighinu idahlu fil-karozza tas-servizz ighid li beda jissielet, ma tax bil-ponn izda insulenthom b'kul ma ghandhom.

Ix-xhud jghid li fl-ebda hin ma ghamlu chase. Spjega li appena l-appellant telaq jigri kien ghadu fil-vettura. Qal li pero meta telaq jigri waqa' mal-bankina u ghalhekk waslu hdejk malajr u kien ghadu ma l-art. Waqt li kien mal-art jghid li hadd ma sawtu la hu u lanqas shabu. Qal li hu hadu il-polyclinic minn rajh meta ra l-hmieg ma spaltu. Fl-ebda hin ma ra dmija ghalkemm ferita kien hemm. Ikkonferma li c-certifikat inzamm minnu.

**PC 417 Louis Degabriele** xehed fil-15 ta' Novembru 2017 u spjega ili fil-31 ta' Awwissu 2016 ghall-habta ts-6.00p.m marru hal Ghaxaq ghand il-genituri ta' Daniel Mizzi in konnesjoni ma xi hlas ta' multa mhux imhalsa u ommu qaltilhom I kinet imhasla met afil-fatt ma kientix. Imbaghad missiru gie bi-paroli mill-ewwel maghhom u marru l-ghassa u imbaghad regghu marru mill-gdid flimkien mas-Surgent. Huma u sejrin lejn l-ghassa taz-Zejtun ghaddew hdejn l-ghassa ta' Hal Ghaxaq u raw lill-akkuzat ghadej bil-

kelba warajh bla cinga. Waqfu l-karozza biex ikelmuh u malli rahom telaq jigri u beda jitkellem hazing. Kif kien qed jigri bil-kontra biex jara fejn konna wasalna dan waqa' ma –l-art. Appena waqa' ma l-art beda ighidilna li sawtuh mill-ewwel.

Spjega illu huwa kien flimkien ma PS 639 u PC 1158. Jghid li meta l-akkuzat waq' m al-art huma kienu qedin warajh. Refghuh mill-art speci biex jiehduh maghhom halli ighidulu fuq il-multa u beda ighidilhom I sawtuh u hafn aparoli simili. Jghid li waqt li kienu fil-karozza da nil-hin kollu jtkessah maghhom, jitkellem hazin u jghidilhom li kien ser 'ighallijhom u issa araw x'inhu gej ghalkom" u hafna paroli minn dan. Kien qed jipprova ibezzaghhom. Bedajitkellem jghajjat. Kien aggressive maghhom ukoll bhal speci irid jitlaq u bdew izommuh biex ma jitlaqx u spiccaw libsuh il-manetti. Dak il-hin niex fit-triq ma kienx hemm izda wara I dahluh fil-vettura tas-servizz gew in-nies.

Wara jaf li kien ircieva rapport mill-Interbnal Affairs tad-Depot jigifieri kellhom jidhru quddiem l-Internal Affairs officer u anke ghaddew Police Bord u hargu liberati mill-akkuzi li saru fil-konfront taghhom .

In kontro esami jikkonferma li hum akienu marru biex jarrestaw lill-akkuzat u kien ghalhekk li waqfuh minhabba da nil-mandat li kellhom. Qal li meta rahom telaq jigri izda ma lahaqx gera wisq ghax waqa' ma l-art. Wara jaf li lahquh ghalex marru ghalih huma. fl-ebda hin ma sawtuh u lanqas ma tawh bis-seq. Id-daqqiet li kellu gew kagunati bid-daqqa li ha met awaqa' ma l-art Kien ha tisbita u laqat spaltu mal-bankina max-xifer taghha. Anke il-qasba ta' siequ laqat meta waqa' ma l-art. Izda appena beda jallega li sawtuh haadh il-polyclinic sabeix jigbor xi certifikari. Wara haduh l-habs u ftit war waslu l-genituri tieghu halsu l-multa u ghalhekk gie rilaxxjat .

**PC 1158 Christopher Saliba** xehed fil-15 ta' Novembru 2017 ( fol. 98) u kkonferma dak kollu li stqarr PC 417 Degabriele. Ikkonferma li l-akkuzat telaq jigri meta waqfu hdejh bil-vettura tas-servizz u talbuh imur maghhom. Jghid li dan telaq jigri u wara ftit waqa' u arrestawh u dahluh fil-kaorzza. Qal li dak il-hin beda jallega li kienu satuh u ghalekk haduh il-polyclinic u wara dritt ghal habs minhabba li l-multa ma kientix thalset.

Mistoqsi kif gabu ruhu maghhom ighid li dan beda jghajjat 'halluni hallun qiegdhin isawtuni' u dan meta kienu ghadhom lanqas ghadhom waslu hdejh u ghalhekk wisq inqas sawtuh. Meta dahluh fil-karozza dan beda jghid li kien ser ipattihilhom. Qal li il-

hin kollu jinsulenthom u ighidlhom li din ma kienitx ser tieqaf hawn u li missieru kellu l-flus biex ihallas avukat.

In kontro esami jghid li l-akkzuat waqa' minabba il-maqrut tal-bankina u hu jhares lura lejhom. Qal li habat fil-maqrut u habat genbu. Meta waslu hdejh kien ma l-art u hadd ma sawtu minnhom. Jispjega li kienu daru mieghu biex ma jahrabx ghollewh minn taht idejgh, ghamlulu l-manetti u mxew bih lejn il-karozza. Huma haduh i-polyclinic ghax beda jillmenta bl-ugiegh ghax kellu ftit brix ta' natura hafifa, Nies prezenti fit-triq meta l-akkuzat waqa' ma kienx hemm.

L-**akkuzat Daniel Mizzi** xehed minn jeddu b'mod volontarju u kkonferma li dakinhar tal-incident l-pulizija marru ghalih minghand ommu u missieru sabiex jistaqsuhom fejn kien qieghed pero huwa ma kienx hemm. Jaf li hu kien miexi ghal pjazza bil-kelba bic-cinga u kellu l-borza. Il-pulizija waqaf mieghu u qallu *"ejja aqbez gol karozza int ghal maghna ." Dan wiegbu " x'nigi?".* Dawn qalulu li kellhom mandat biex jarrestawh u dan wegibhom *"li kienet biss bicca karta u ghalih ma tiswa xejn".* Dak il-hin is-surgent hareg ghalih u beda jigdem idejgh u malli beda jigdem idejgh telaq jigri u il-pulizija grew warajh. Jghid li xkanawh minn wara u qabduh. Mistoqsi jekk kienx waq' jew xkanawh jghi dli tawh Gambetta minn wara. Biex qabduh waqqghuh ma l-art, immanettjawh u bdew ituh bis-sieq u jkaxkruh u wara beda joffendihom. Mistoqsi min tah waqt li kien ma l-art ighid li is-surgent zgur ghalkemm kienu iktar min wiehed. Qal li tnejn minnhom bdew ikaxkruh u is-surgent itih bis-sieq. Dak il-hin beda ighidilhomli kienu harbulu il-kelba. Qalilhom li kien migugh u staqsihom fejn kienu ser johrduh u qalulu li kien ghal habs. Qalilhom li ried imur l-isptar ghaliex kien mugugh. Haduh il – polyclinic u gie invistat mit-tabib li irrilaxja zewg certifikati medici. Jghid li lit-tabib kien qallu li kienu l-pulizija li sawtuh u tawh bis-sieq u li kaxkruh ma l-art. It-tabib staqsihom jekk kienx minnu u dawn cahdu. Wara haduh l-habs u beda ighid li kien miggh u waqt li kien il-habs rah it-tabib tal-habs u ghamilu certifikat. Ikonferma li wara marret ommu il-habs u halset il-multa .

Jghid il fuq dan ir-rapport mar jghamel rapport l-ghassa flimkien mal-genituri tieghu. Jghi dli meta mar jigbru qalulu li ir-rapport qatt ma kien sar u ghalhekk mar id-Depot ikellem lil Maggur u ghamel complaint. Jaf li kie ircieva ittra fejn gie infurmat li l-pulizija hargu liberati mil-akkuzia ghaleix ma kienx hemm bizzejjed provi. Qal li

quddiem il-Bord tal Pulizija kien deher izda cio nonnostatne xorta l-akkuzat ahreg liberat

Mistoqsi in kontro esami minn kien xkanah ighid li ma jafx min ghaliex kien minn wara. Pero ighid li qabdulu idejgh immanetjawh u tawk bis-sieq. Qal li spicca bi tbengil f'kuxtejgh fejn bdew ikaxkruh.

Fl-istqarrija tieghu rilaxxjata nhar is-6 ta' Settembru 2016 l-akkuzat gimgha wara l-akkzadut u jghid li l-puliizja li marru iwaqfuh hu u sejjer lejnil-piazza kienu aggressive mieghu meta qalulu " Ejja Daniel int ghal maghna". Jghid li hu wegibhom 'nigi l-ostja ommi ghandha l-istatment'. Jispjega limeta raw dan hareg pulizija mill-vettura biex itih u wara hargu it-tnejn l-ohra u meta ra hek ktelaq jigri'l hemm Qal li meta ghamel hekk qabduh minn wara tefghuh ma l-art u t-tlieta li huma bdew ituh bis-sieq u jghid ukoll li it-tlieta li huma qabzu fuqu immanetjawh u kaxkruh gal gol vettura. Jammetti li dak il-hin beda ighajjat u ighid lil-pulizija qed isawtuh mhux fuq droga izda fuq multa.

Qal li dak il-hin harbitlu sl-kelba u beda jinkwieta ghaliex kienet tisqa hafna flus €2000 u meta is-surgent qallu li kienu ser imorru ghaliha ikkalma. Qalilhom ukoll li kellu l-bieb tad dar miftuh u l-pulizija qalulu li dik kient problema tieghu u messu ghalaq il-bieb meta hareg. Jghid li fil-fatt l-pulizija ma marrux ifittxu l-kelba jew jghalqu il-bieb ta' dar tieghu izda haduh il-polyclinic ghax beda jghid li hu migugh. Dak il-hin beda jirrabja ukoll jghid. Dak il-hin beda jistaqsihom fejn kienu ser johduh u filwaqt li kien hemm pulizija li qallu li kienu ser johduh l-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun is- surgent qallu li kienu ser johduh il-Habs. Qal li huwa kien il-habs u l-gwardjani ghamlulu l-*istrip search*. Jistqarr li kien nervuz ghaliex qatt qabel ma kien dahal il-habs. Is-surgent mar fid-dar ta' ommu u missieru biex igibulu l-hwejjeg ghax dak il-hin kien libes shorts u flok tac-cingi. Jghid li ftit wara wasal missieru u qallu li l-pulizija kienu sawtuh.

Meta telaq mill-habs missieru qallu biex imorru jghamlu rapport fuq il-pulizija u marru l- ghassa tal- pulizija taz- Zejtun. Hemmhekk tkellem mas- surrgent u wara certu hi qallu li jkun ahjar li jmur l-ghada ikellem lill-ispettur stante li r-rapport tieghu kien jikkoncerna rapport fuq pulizija izda l-ghada ma marx ghax hass li kellu jghaddi min bejniethom. Mistoqsi jekk hax xi ritratti tal-feriti li allegatament issubixxa jghid li ma kienx ha.

Rat it-trattazzjoi traskritta tal-avukat difensur.

Illi l-ewwel Qorti kienet sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha salv mis-sitt akkuza minn liema akkuza illiberatu.

Ikkunsidrat.

Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti:-

1. Illi nhar is-6 ta'Settembru 2016 PS 639, Pc 417, OC 1158 kellhom mandat ta' arrest fil-konfront tal-akkuzat u dan ghaliex ma kienx hallas mult ali kienet giet inflita fuqu u ghalhekk kienu marru biex jesegwixxu da nil-mandat.
2. Fit-triq huma u sejrin lejn il-piazza ta' Hal Ghaxaq lemhu lill-akkuzat mixi bil-kelb u wafu hdejh izda meta rahom dan telaq jigri.
3. Illi l-appellant jghid li l-pulizja lahquh u xkanawh ma l-art u bdew itub bis-sieq.
4. Il-pulizija min naha l-ohra jghid li hum ahargu mill-vettura u bdew jigru wara l-akkuzat izda dan ma damx wisq ghaleix l-akkuzat tfixkel u waqa waqt likien fuq il-bankina u waqa' ma l-art.
5. Il-pulizija jghidu li marru jigbru lill-akkuzat minn ma l-art u poggewh fil-vettura tas-ervizz
6. L-akkkuzat irresista dan u lanqas ma ried li jpoggulu l-manetti u beda ikellimhom hazing, ighajjat u jheddidhom I din m akienix ser tieqaf hawn.
7. L-akkzuat beda jallega li kienu l-pulizija li sawtuh u li kien ser jirraporta lill-pulizija.
8. L-akkzuat ighid li kienu l-puliza l ferewh.
9. L-pulizija rikbu b'difikolta lill-akkuzat u haduh lejn il-polyclinic u dan gaelix beda jghid li kien ser ipattihilhom u jghid li kienu l-pulizija li sawtuh.
10. Huwa inghata certifikat mediku rilaxxjat fl-atti.
11. 11. Wara haduh l-habs u waqt li kien hemm marru l-gentiuri tieghu u halsu l-multa li kiet giet inflitta u b'hekk l-akkuzat gie rilaxxjat.

12. L-akkuzat mar jirraporta l-ghassa, u l-pulizija gew mghajta quddiem l-Internal affairs fil-Head Quarters biex iwiegbu ghall-akkuzi li saru fil-konfront tghhom mill-akkuzat.

13. Jidher ukoll mid-dokument stess esebit mid-difiza li l-appellant kien ressaq ilment nhar is-7 ta' Settembru, 2016 tramite l-avukat tiegu Dr Thomas Abela dwar il-pulizija a quddiem il-Police Board biex ghal darb ohra dawn il-pulizija u cioe PS 639, PC 417 u PC 1158 iwiegbu ghall-allegazzonijiet tal-akkuzat.

14. Minn dawn il-proceduri l-pulizja hargu liberati kif jirrizulta mid-decisjoni esebita fl-atti a fol.65 markata bhala dok TA1.

Dwar l-ewwel aggravju tal-appellant jinghad li l-ewwel Qorti ma ghamltix apprezzament tal-fatti u dan ghaliex tat kreditu biss lil dak li qalu l-ufficcjali tal-pulizija. Allega li l-ewwel Qorti ma tatx kaz ic-cetifikati medici esebiti fl-atti u dan ghaleix il-feriti li issubixxa ma humiex kompatibbli ma waqa' izda iktar huma kompatibbli ma aggresjoni kkagunata mill-pulizija.

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**<u>Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et</u>**[1]."; "**<u>Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi</u>**[2]";

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989.

"**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3]"; "**Il-Pulizija vs.Anthony Zammit**[4]" u ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza "**R. v. Cooper**[5]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.[6]"*

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[7]", inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…., il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

---

3 Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991
4 Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
5 ([1969] 1 QB 276)
6 Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
7 Deciza mill-Qorti Kriminali fl-1 ta' Dicembru, 1994.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Fir-rigward ta' l-ewwel akkuza l-appellant gie akkuzat talli ingurja u hedded lill-ufficcjali tal-pulizija skond l-artikolu 95 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Ghalhekk din il-Qorti ghandha tara x'inhuma l-elementi ta' dan ir-reat?

Fil-kaz **Il-Pulizija v Emanuel Pace**[8], il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet illi sabiex jissusisti d-delitt ta' oltragg *hemm bzonn li l-kliem denunzjat bhala ingurjuz, jkun inghad lil wiehed li ghandu kwalifika ta' ufficjal pubbliku u li jkun filwaqt ta' dan ikun fl-att tas-servizz* "*officio durante ad contemplazione officii*".

Fil-fatt, jekk persuna li tkun pulizija tinzerta f'post u tigi ingurjata jekk ma tkunx hemm fuq xi ordni specifiku izda b'semplici kumbinazzjoni, allura dan id-delitt ma jesiztix.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmel Farrugia**[9] l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li *"jekk l-kliem li jintqal mill-agent lejn uffucjal pubblliku, jintqal b'sens ta' kritika, l-kritika sakemm ma tiddegenerax f'ingurja ma tista b'ebda mod tigi penalizzata, anke jekk dik il-kritika tiehu l-forma ta' rimarka ironika jew addirittura sarkastika. F'dak il-kaz ir-reat in desamina ma jirrizultax.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuele Cassar**[10] il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet li biex ikun hemm d-delitt ta' oltragg, hemm bzonn li l-kliem ingurjuz jinghad lil wiehed li ghandu l-kwalita ta' ufficjal pubbliku u fil-waqt li dan ikun fl-att tas-servizz tieghu, l-att ingurjuz ta' l-oltragg jirrikjedi l-element morali, jigifieri l-intenzjoni

---

[8] Qorti ta' l-Appell Kriminali (CA) – 30 ta' April, 1993 (App. Nru. 217/91)

[9] Qorti ta' l-Appell Kriminali (VDG) – 16 ta' Frar, 1998 (App. Nru. 194/96)

[10] Qorti ta' l-Appell Kriminali – 12 ta' Dicembru, 1936 (Vol. XXIX/iv/593)

li l-hati joffendi lil ufficjal li jkun, u ghalhekk meta ma hemmx dik l-intenzjoni ma hemmx l-oltragg, imma jista jkun hemm kontravenzjoni ohra.

Illi x'gara f'dan il-kaz hu li l-appellant qabad u beda jghajjat u jghid li l-pulizija kienu qed isawtuh meta dan ma kienx minnu. Il-pulizija kienu qedin jipprovaw jesegwixxu ordni ta' arrest fuq l-appellant fejn multa li kellu l-appellant kienet giet konvertita fi detenzjoni. Pero meta l-pulijza marru biex jigbru lill-appellant dan telaq jigri 'l hemm u meta zelaq beda jallega li l-pulizija kienet sawtitu. B'hekk allura jidher car li lanimus tal-appellant kien wiehed u cioe dak dirett sabiex jingurja lill-pulizija. Jirrizulta anke mix-xhieda ta' PS 69 Jean Mangion li f'dan il-mument ta' arret l-appellant beda jinsultenhom u izejjen ( fol. 35). PC 417 Lois Degabriele ighid li fil-mument tal-arrest l-appelant beda jitkessah u ighidilhom ( b'refernza ghall-ufficcjali tal-pulizija) li "*kien ser ighallihom u hafna paroli minn dan*" .(fol. 45) Dan l-istess xhud PC 417 ikompli ighid ex admisses li l-appellant " *Issa nghallikom, issa taraw x'inhu gej ghalikom speci ibezzghana qed tifhem*." PC 1158 Christopher Saliba ex admisses jghid fir-rigward tal-appellant li dan qalilhom li "*speci ser er inpattihilkom u li din ma kienitx ser tieqaf hawn.*"

Dak hu proprju l-legislatur irid jipprotegi. Fil-fatt **Crivellari** [11] ighid :-,

"*al funzionario e` dovuta una speciale tutela solo nel caso che sia attuato come tale, poiche il legislatore deve efficacemente proteggere soltanto l'esercizio di quella autorita che emane della legge*".

Din l-akkuza tirrizulta ben provata .

Fir-rigward tat-tieni akkuza u cioe l-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu ukoll bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dan ir-reat:

Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew ir-resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita` ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dan ir-reat. Il-Professur Mamo ikompli jghid hekk:

"*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or*

---

11

*frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith* ".

Fin-nuqqas ta' dan jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi.

Fit-tieni lok ir-reat l-akkuzat appellant gie akkuzat bir-reat ta' resistenza jew attak fuq ufficcjal pubbliku skond l-artikolu 96 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Dan ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "*persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku*". Illi l-Qorti ssostni li huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita` li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku, hija necessarja. Altrimenti l-element formali ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat ikun nieqes.

Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew ir-resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita` kompetenti.

Il-Professur Mamo jkompli jghid:

"*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

U kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Borg**[12]:

"*Biex jissusisti r-reat irid ikun hemm bhala minimu xi forza llegittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza llegittima tigi ezercitata, irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita` li jikkaguna hsara lill-persuna tal-Ufficjal Pubbliku, zghira kemm hija zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi effettivament ikkagunata u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara. Biex ikun hemm dan ir-reat, l-agent irid ikun mhux biss attakka 'il fatto di prendere l'offensiva' jew irrezista 'il fatto di prendere la difensiva' lill-Ufficjal*

[12]Mmoghtija fis-26 ta' Jannar 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali

*Pubbliku, izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb."*

L-artikolu 96 jirrikjedi li l-attakk jew ir-resistenza jkun "*bi vjolenza jew b'hebb*". Hija din l-espressjoni li tat lok ghal mhux ftit diskussjoni kemm fil-gurisprudenza kif ukoll fost il-guristi. Mill-gurisprudenza nostrana kif ukoll mid-dottrina din il-Qorti tikkonkludi li sabiex jissussisti r-reat kontemplat fl-artikolu 96 irid ikun hemm kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Stephen Borg</u>** [13]fuq citata:

*"fost affarijiet ohra u bhala minimu xi forma ta' forza illeggittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza illegittima tigi ezercitata irid ikun tali li jkun tendenti ossia li jkollu l-potenzjalita li jikkaguna xi hsara lill-persuna ta' l-ufficjal pubbliku, zghira kemm hi zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi effettivament ikkagunata u anke jekk l-agent ma jkollu l-ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara; Hekk per ezempju, ikun il-kaz ta' min semplicement jimbotta b'mod goff jew ostili lill-ufficjal pubbliku li jkun intimalu li ser jarrestah jew ta' min jibda jithabat meta jkun fl-idejn l-ufficjal pubbliku proprju biex jehles minn idejh".*

Ghalhekk, biex il-Qorti tikkonkludi fuq dan ir-reat mhux bizzejjed li l-agent ikun attakka ("il fatto di prendere l-offensiva") jew irresista ("il fatto di prendere la difensiva") lill-ufficjal pubbliku izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb. Ili fil-kaz in desamina ma jirrizultax li f'xi hin l-appellant attakka jew hebb ghal xi ufficcjal tal-pulizija. Ma jidhirx li kienhemm xi kuntatt fiziku bejn l-appellant u l-pulizija. Jidher biss li kien hemm kiem mhux xierqa proliferati fil-konfront tal-pulizija waqt il-qadi ta' dmirijethom liema agir jaqa' taht l-artikolu 95 u ghalhekk minn dan ir-reat il-Qorti ser tilliberah.

Dwar it-tielet akkuza l-appellant gie akkuzat bil-kontravenzjoni kif kontemplata fl-**artikolu 338(dd) tal kap 9** u cioe li b'xi mod mhux imsemmi band'ohra f'dan il-kodici kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-paci pubblika. L-ewwel Qorti sabet lll-appellant hati a bazi ta' dak li qal l-appellant stess fl-istqarrija tieghu li meta l-pulizija giet biex timmanetjah huwa beda jghajjat.

[13] Op cit

Illi sabiex dina l-akkuza tigi pprovata hemm grad ta' prova hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Daniel Briffa</u>**[14] Il-Qorti ghamlet referenza ghal-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Maria Concetta Green</u>**[15]':

*'L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjah 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati f'diversi sentenzi u gie ritenut illi, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontajru li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. L-iskambju ta' likem anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innisfsu u minghajr ma jkun hemm xejn akta x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghali, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali.'*

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-appellant vera gholla lehnu u beda jghajjat madanakollu ma jidhirx illi kien hemm il-'*breach of the peace*' kif trid il-ligi tant illi ma jidhirx illi f'dak il-hin kien hemm xi nies ohra fit-triq jew inkella li l-istorbju bejn dawn in-nies gieghel lil xi nies johorgu minn djarhom.

Ghalhekk din it-tielet akkuza ma gietx provata kuntrarjament ghal dak li gie deciz mill-ewwel Qorti.

Dwar ir-raba' akkuza jinghad li l-appellant gie akkuzat bil-kontrvenzjoni kif disposta fl-artikolu 338(bb) tal-kapitolu 9 u cioe li qal kliem oxxen u indicenti fil-pubbliku. Biex tigi provata tali kontravenzjoni irid jigi provat li l-appellant f'xi hin qal kliem oxxen u indicenti fil-pubbliku. Hadd mill-ufficcjali tal-pulizija ma jikkwota jew jiccita xi kliem li seta qal l-appellant. Il-Qorti fliet ix-xhieda moghtija mill-ufficcjali tal-pulizija salv dak li hemm rapportat fl-okkorenza mehuda minn PC 1158 fir-rigward ta'kliem oxxen meta a fol 2 ta' l-istess ighid li l-appellant qal il-kliem " *Xi zobb tridu"….." morru 'l hemm m'ghandx ghalfejn inkellimkom"…" inzabbab mhux nigi maghkom*" pero' meta dan l-ufficjal xehed viva voce il-Qorti fl-ebda hin ma ghamel refernza ghal tali kliem. Ghalhekk din ir-raba akkuza ukoll ma tirrizultax provata.

[14] Deciz nhar l-24 ta' Ottubru 2012 mill-Qorti tal-Magistrati ( Malta bala Qorti Istruttorja numru144/2009
[15] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 - Volum LXXXIII Part IV pagna 441

Dwar il-hames akkuza u cioe li ma obdiex l-ordni legittimi tal-pulizija u xikilhom fil-qadi ta' dmirijiethom kif kotnemplat fl-artikolu 338(ee) jinghad li din l-kontravenzjoni hija inkorporata fl-akkuza numru wiehed u cioe f'dak ta' oltragg u l-Qorti gja sabitu hati taghha. M'hemmx dubbju li l-pulizija tawh ordni biex jieqaf ghaliex kein qed jigi arrestat u cio nonnostante telaq jigri'l hemm u daltronde irresista ukoll l-arrest u li l-pulizija jimmanetjawh.

Dwar is-seba' akkuza u cioe' li kellu kelb minghajr ma zammu bic-cinga. Jinghad li din il-kontravenzjoni tirrizulta ukoll u dan in visa tal-fatt li l-ufficcjal tal-pulizja ilkoll qalu li meta raw lill-appellant mixi fit-triq sejjer lejn il-piazza huwa kellu l-kelba mixja warajh bla cinga. Fl-ebda hin ma l-appellant ressaq xi prova kunntrarja ghal dan salv ix-xhieda teighu fejn stqarr li kienu l-pulizija li harbuhielu meta hu telaq jigri u huma telqu jigru warajh. Din hija in vero simili ghaliex fl-ebd ahin ma l-appellant jghid li teaq jigri izomm il-kelb bic-cinga u din telqet ' l hemm meta ighid li teaq jigri ma jghamel l-ebda referenza ghal-kelba jew x'ghamel bil-kelba. Jghid biss li harbet u ghalhekk l-versjoni tal-pulizija hija iktar kedibbli.

Illi l-appellant jappella ukoll mill-piena inflitta. Ghaliex fil-fehma tieghu kienet wahda eccessiva. Issa dwar dan jinghad li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'**[16]:

'*Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"***[17]*,* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"***[18] *u ohrajn.)*' (Id-dati tas-sentenzi citati jinsabu aktar l'isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'**[19]: il-Qorti kkunsidrat li '*Ghar-*

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)
[17] Deciza fl-14 ta' Gunju, 1999
[18] Deciza fl-24 ta' April, 2003
[19] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

*rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.*' Madankollu, il-Qorti f'dak il-kaz qieset ic-cirkostanzi partikolari u ddecidiet li '*stante n-novita' tal-kaz in ezami w peress li l- appellant seta' genwinament kellu l-impressjoni li quod bikes ma ghandhomx bzonn licenzja biex ikunu fuq it-triq u li ma ghandhomx bzonn ikollhom kopertura ta' asskurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi, din il-Qorti thoss li hemm raguni specjali biex il-periodu tas-sospensjoni w skwalifka tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant jigi imnaqqas.*'

Illi pero' stante li din il-Qorti ser tirriforma is-sentenza appellata ser ikun hemm ukoll temperament fil-piena. Din il-Qorti filwaqt li qed tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant mhux hati tas-sitt akkuza u illiberatu minnha qieghda tichad l-appell fir-rigward tal-hames akkuza kif inkorporata fl-ewwel akkuza u tas-seba akkuza stante li dawk jirrizultaw ben provati u ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti u qieghda tilqa' l-appell tal-appellant fir- rigward tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' akkuza u tillierah minnhom. Fir-rigward tal-piena inflitta din il-Qorti qeda tirrevokaha izda fir-rigward ta' dak misjub hati u cioe tal-hames akkuza kif inkorporata fl-ewwel akkuza u fir-rigward tas-seba' akkuza l-Qorti qeda tikkundannah ihallas multa ta' tmien mija u hamsin euro (€850) u tirrevoka l-piena moghtija mill-ewwel Qorti ghall-hlas ta' multa ta' erbat elef euro (€4,000) u ghal kundanna ta' tnax-il xahar prigunerija sospiza ghal perijodu ta' sentejn..

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef